MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Numru. 1060/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**
**VS**
**JOSEPHINE KNEZEVIC CASSAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Josephine Knezevic Cassar , ta' 41 sena bint il-mejjet Carmel Cassar, u Maria Concetta xebba' Cini , mwieleda Attard, nhar il-25 ta'Jannar 1970, residenti gewwa l-fond numru 13, Oleander Avenue, Santa Lucia , w detentrici tal-karta ta' l-identita bin numru 111470(M).

Billi hija akkuzata talli nhar it-2 ta'Lulju 2011, matul il-jum u cioe' ghall habta ta'l-erbgha ta'wara nofs inhar u fi xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il -Gzejjer, u cioe minn gewwa l-Ispizerija ta' l-Isptar Mater Dei, Msida, b'diversi atti

maghmula fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ai termini, ta’ l-Artikolu 18 tal-Ligijiet ta’Malta Kapitolu 9, kkomettiet serq ta’diversi medicinali, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, bil-valur kif ukoll bil-lok, u li sar ghad-detriment tal-Gvern ta’Malta u / jew ta’persuni ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammisjoni ta’l-imputata;

Semghet il-konferma ta’ l-ammisjoni ta’ l-imputata wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni taghha, l-Qorti ssib lill-imputata **Josephine Knezevic Cassar** hatja skond l-akkuza, u wara li rat Artikoli 18, 261, 267, 268, 269, 279, 280 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’Malta u tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni illi ma tikkommettiex reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputata, il-fedina penali nadifa taghha, ic-cirkostanzi specjali tal-kaz, u l-fatt illi l-imputata ma kienet qedgha taghmel ebda profitt finanzjarju ghaliha personalment.

Il-Qorti tirrakomanda illi f’dawn ic-circustanzi specjali, l-imputata izomm l-impjieg prezenti taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------